MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 575/1999/1

**Marica D'Amato**

**Vs**

**Philip D'Amato**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Peress illi l-attrici zzewget lill-konvenut fl-24 ta' Lulju, 1992 (vide Certifikat taz-Zwieg markat Dok. A);

Peress illi meta zzewgu l-partijiet kienu ilhom johorgu flimkien ghal tmien xhur biss u l-attrici kellha erba' xhur tqala;

Peress illi l-attrici kienet harget tqila mill-konvenut wara li l-istess konvenut kien sforzaha jkollha x'taqsam mieghu sesswalment kontra l-volonta` taghha u fil-fatt fil-perjodu ta' tmien xhur li l-partijiet damu johorgu flimkien qabel ma zzewgu, din kienet l-unika okkazzjoni meta kellhom x'jaqsmu flimkien sesswalment;

Peress illi l-attrici zzewget lill-konvenut unikament minhabba l-pressjoni kbira li l-istess konvenut, li ghandu karattru vjolenti hafna, kif tixhed l-istess fedina penali tieghu, kien jezercita fuqha u minhabba fil-fatt illi kienet tqila b'tarbija tal-konvenut;

Peress ukoll illi l-konvenut kellu ghaggla kbira biex jizzewweg u jitlaq mid-dar stante li dan kien a vantagg finanzjarju tieghu peress illi fid-dar tal-genituri tieghu huwa kien ikollu ihallas salatament lil hutu bniet ghal kull servizz li kienu jirrendulu – ikel, hasil ta' hwejjeg eccetra;

Peress illi bejn il-partijiet qatt ma saret ebda preparazzjoni serja ghaz-zwieg u l-konvenut certament ma kienx jifhem x'inhuma d-dmirijiet, obbligu u responsabilitajiet ta' hajja mizzewga;

Peress illi l-konvenut kien heba bosta affarijiet ta' importanza vitali mill-konoxxenza tal-attrici, affarijiet illi kieku l-attrici kienet taf bihom, minkejja l-pressjoni kbira li kien jezercita fuqha l-konvenut, kienu jwassluha biex xorta wahda ma tizzewwigx lill-konvenut;

Peress illi di fatti l-konvenut qatt ma qal lill-attrici bil-proceduri kriminali illi kien hemm kontrih u bil-fedina penali tieghu; qatt ma qalilha bil-problemi mentali tieghu, possibilment rizultanti minn daqqa ta' 'gakk' li kien qala' fi glieda u li minhabba fiha ghandu bosta punti f'rasu li l-konvenuta skopriet biss wara z-zwieg; u qatt ma qalilha lanqas dwar certu negozju illi huwa jaghmel bhal self ta' flus u transazzjonijiet suspetti ohra;

Peress illi ghaldaqstant il-kunsens tal-attrici kien ivvizzjat;

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat ukoll b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg;

Peress illi ghaldaqstant iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet huwa null u bla ebda effett fil-ligi ai termini tal-artikolu 19 (1) (a) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet ghalhekk l-istess attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat mill-kontendenti fl-24 ta’ Lulju, 1992 huwa null u bla ebda effett fil-ligi ai termini tal-artikolu 19 (1)(a) u/jew (c) u/jew (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Taghti dawk il-provvedimenti l-ohra kollha illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Din hi kawza li titratta miz-zwieg tal-kontendenti, celebrat fl-24 ta’ Lulju, 1992, u l-impunjattiva ta’ wahda fost il-konjugi ta’ dan l-istess zwieg.

Huwa indiskuss illi z-zwieg ghandu l-essenza tieghu fic-celebrazzjoni fejn l-iskop hu dak li junixxi tnejn minn nies, ta’ sess oppost, u jassikura lil kull wiehed minnhom drittijiet u dmirijiet reciproci. Drittijiet u dmirijiet li ma jsibux riferenza biss fir-rapport fiziku u sesswali, izda ghal hajja in komuni flimkien fil-perkors kollu tal-konvivenza matrimonjali. Hi proprju din l-esklussivita` garantita mic-celebrazzjoni li taghti l-identita` socjali lill-konjugi u tohloq

ghalihom dik l-istruttura guridika meritevoli tal-kwalifika ta' socjeta' naturali.

Ghall-finijiet tar-rabta allura hu necessarju il-konkors tad-dikjarazzjoni ta' volonta` libera u ezenti minn kull xkiel jew pressjoni. Mod iehor, kemm jekk dixxiplinat minn normi tal-ligi kanonika, kemm jekk regolat mid-disposizzjonijiet tal-ligi civili, iz-zwieg intervenut jista' jigi impunjat, u dikjarat null, purke' tezisti dik il-legittimazzjoni serja ghal dan entro l-parametri stabbiliti mill-ligi fl-Artikolu 19 tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kap 255).

Fil-kaz taht skrutinju l-attrici qed tiffonda l-impunjattiva taz-zwieg taghha mal-konvenut fuq il-bazi tas-subincizi (a) jew (c) jew (d) tal-precitat Artikolu 19 (1) tal-ligi.

Qabel ezami ta' dawn is-singoli disposizzjonijiet, jehtieg li jigu stabbiliti l-fatti ewlenin rakkolti mill-provi tal-attrici (fol 23), ta' missierha Cristino Ciantar (fol 31) u ta' zijuha Calcedonius Ciantar (fol 35). Il-konvenut baqa' kontumaci.

1. L-attrici tghid li saret taf lill-konvenut f'Dicembru 1991 u dan sentejn fuq li kien mietilha tragikament in-namrat precedenti taghha. Dak iz-zmien kienet "depressed" ghax ma kellha lil hadd min jikkonfortaha. Ommha mietet meta kellha sentejn u hi giet imrobbija miz-zijiet.

2. Il-konvenut beda jghaggel biex jizzewweg ghax skond l-attrici hu kellu genn biex jitlaq mid-dar tal-genituri. Ha hsieb kollox hu minghajr ma ikkonfida maghha u zmien seba' jew tmien xhur fuq li kienu jafu lil xulxin gie celeberat iz-zwieg.

3. F'dan il-perjodu il-konvenut ikkostringiha jkollha rapporti sesswali mieghu u minn dawn ir-rapporti harget tqila. Hi tghid li kellha erba' (4) xhur tqala meta zzewwgu. Tistqarr ukoll li kienet ghadha vergni meta kellha l-ewwel rapport mal-konvenut.

4. L-attrici tghaddi imbaghad biex tiddifferenzja l-personalita` taghha minn dik tal-konvenut. Hi tafferma li hi bniedma sensittiva u l-konvenut persuna vjolenti u kattiv. Hi istruwita u hu illitterat. Hu prepotenti u hi skjava tieghu. Kien jimpurtah minnu biss, u allavolja kien avvertat mit-tabib biex ma jkollux rapporti sesswali maghha minhabba d-diffikolta riskontrata fit-twelid ta' l-ewwel tarbija, hu ghamel ta' rasu u rega' irrendiha gravida.

5. Iz-zwieg kien wiehed turbolenti, u anke wara li nfirdu l-konvenut baqa' aggressiv, tant li ttiehdu proceduri penali fil-konfront tieghu. Il-missier, li kien wiehed mill-vittma tal-aggressjoni tieghu, jiddeskrivieh bhala "bniedem salvagg" u mhux "tajjeb ghal man-nies".

Dan stabbilit il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra d-disposizzjonijiet tal-ligi referenzjati mill-attrici fic-citazzjoni taghha.

Is-subinciz (a) jikkompeti lill-attrici jekk hi tipprova li l-kunsens, presumibilment dak taghha, "inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza",

Din il-vjolenza trid tigi valutata minn dak dispost fl-Artikolu 978 tal-Kodici Civili, jigifieri jrid jintwera li l-attrici, qabel iz-zwieg, kienet assogjettata ghall-pressjoni gravi u ndebita. Vjolenza ghalhekk determinanti, ingusta u gravi. Fiz-zwieg, imbaghad, a differenza minn kuntratti ohra, l-kwestjoni trid tigi ezaminata in relazzjoni ghal liberta` matrimonjali. Il-vjolenza ghalhekk trid tigi valutata mhux fuq is-semplici seduzzjoni ta' l-attrici izda fuq l-ipotesi li hi giet indotta ghaz-zwieg minhabba ragunijiet ta' pressjoni qawwija u insuperabbli. Ad exemplum, perkossi minn zewgha waqt l-gherusija jew mill-genituri jew il-minaccja li titkecca l-barra mid-dar, jew forom ta' xenati ingusti u determinanti.

Minn dan kollu fil-kaz de quo ma jirrizulta xejn minn dan qabel iz-zwieg.

Kwantu ghall-element tal-"biza" din trid tigi oggettivament analizzata mill-ottika ta' fatturi esterni li jokkorru fuq il-

persuna. Il-biza trid tkun ta' gravita` essenzjali. Mhux bizzejjed ghalhekk ansjeta` gewwinija f'dak li jkun. Fil-fatt l-Artikolu 980 jippreciza li l-biza riverenzjali lejn il-genituri, axxendenti ohra jew lejn ir-ragel mhux bizzejjed biex jannullaw il-kuntratt, jekk ebda vjolenza ma tkun giet uzata.

Hawn ukoll din il-biza ma gietx ipprovata.

Kif lanqas del resto l-attrici ma jirnexxielha tikkonvinci li fit-termini tas-subinciz (c) il-kunsens taghha "inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-persuna l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga".

Ibda biex skond il-ligi l-qerq ma jista' qatt ikun prezunt izda jehtieg jigi provat (Art 981 (2) tal-Kap 16).

Meta l-ligi titkellem "dwar xi kwalita` tal-persuna l-ohra wiehed jifhem dawk il-kwalitajiet li jikkaratterizzaw fost aspetti ohra l-personalita`, kultura, posizzjoni socjali, konvinzjonijiet morali, u edukazzjoni tal-konjugi l-iehor. Dan dejjem b'referenza ghall-mument taz-zwieg. U allura ma jistax jittiehed qies ta' dik il-verita dwar dawn il-kwalitajiet skoperti wara z-zwieg.

Fil-kaz taht konsiderazzjoni ma gew pruvati l-ebda artifizji jew raggiri adoperati mill-konvenut anterjorment ghaz-zwieg li setghu ingannaw lill-attrici dwar xi kwalita' personali tieghu.

Ghalhekk lanqas hawn, in kwantu ghall-ipotesi tal-ligi raffigurata f'dan is-subinciz ma tikkonfigura l-premessa ghat-talba tal-attrici ghall-annullament taz-zwieg.

Il-qaghda tiehu xejra ohra meta l-fattezzi tal-kaz jigu ezaminati entro l-parametri ta' dak dispost fis-subinciz (d) billi jirrizulta konvincevolment "difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga" jew "fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha" li jivvizzjaw il-kunsens.

Iz-zwieg kien nieqes ghal kollox minn preparazzjoni serja. L-ghaggla tal-konvenut giet spjegata mill-hegga tieghu li

jallontana ruhu mid-dar tal-genituri tieghu. L-interrogattiv inizjali li seta' kellha l-Qorti fir-rigward ghaliex l-attrici, bniedma ta' certa edukazzjoni, iperkorriet it-triq li hadet hu spjegat mill-fatt tas-sensibilita' esagerata taghha, mankanza ta' maturita` koncernanti l-import valutattiv taz-zwieg, l-istat ta' gravidanza taghha, anke jekk dan il-fattur konsiderat izolatament ma jibbastax wahdu biex jinficja l-kunsens, l-assenza tal-omm fil-kors tat-trobbija taghha, is-sokkombenza taghha ghall-ghaggla u r-rieda tal-konvenut, u fatturi u cirkostanzi saljenti ohra li joffuskaw il-fakoltajiet kritici estimativi u valutativi riflettenti l-oggett tal-kunsens taz-zwieg.

Fic-cirkostanzi ghalhekk, u valutati l-provi,l-Qorti hi moralment konvinta li l-attrici kienet sukkuba tas-sitwazzjoni, impreperata u fi stat tali li ma rriflettietx sew fuq l-essenzjalita` taz-zwieg u tal-hajja mizzewga.

Minn ottika differenti dan ighodd ukoll ghal konvenut. Allavolja baqa' kontumaci jinhass sew mill-provi prodotti illi fih ma kienx hemm dik l-idoneita` mat-test tal-ligi in rigward ghal dik li hi riflessjoni libera u matura fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u b'hekk tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-24 ta' Lulju 1992 null u bla effett izda dan limitatament ghall-motivazzjoni dedotta taht is-subinciz 19 (1)(d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255).

Konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg Numru 1306/92 u li kopja tieghu tinsab esebita a fol 6 tal-process.

Tenut qies tac-cirkostanzi kollha f'dan il-kaz l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------